# il-Għejjer

LULJU 1980 Nru. 100



AIRMALTA




# Great destinations.
# Great airline.



Reservations tel: 882922/29





# il-Gżejjer

LULJU 1980 Nru. 100

Maħruġ
mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni,
Valletta, Malta.


Paġna


Dejjem Aktar Turisti ....... 2
L-Industrija tal-Majjali ..... 4
Iċ-Ċittadella ............... 6
Skema Nazzjonali tas-Saħħa . 9
Jitkellem l-Avukat ......... 11
Ħidma bejn Gvern u Importaturi biex jibbenefika l-poplu 12
Għal Sewqan Aħjar ........ 15
L-Iżvilupp fl-Ajruport ...... 16
Rakkont Għat-Tfal ......... 18
L-Industrija Ġermaniża ..... 22
Għan-Nisa ................ 24
Il-Perikoli Tas-Sajf ......... 32





HAL FERH — iċ-Ċentru Turistiku f'Għajn Tuffieħa, li qabel kien f'idejn is-Servizzi Ingliżi u li issa ġie attrezzat biex jagħti sehem siewi fl-industrija tat-Turiżmu.


Fine Furniture
that turns your house into a home
see our new range of fine furniture at
emanuel agius ltd
manufacturers of fine furniture
202a Old Bakery Street, Valletta.
Tel: 625944.

# DEJJEM AKTAR TURISTI



Ħafna fatturi jagħmlu lill-gżejjer Maltin bħala l-post ideali għat-turiżmu kemm fis-sajf u kemm fix-xitwa.

Minbarra s-sbuħija naturali tagħhom, Malta u Għawdex għandhom livell ta' iġjene u saħħa mill-aqwa fid-dinja, flimkien ma klima ideali, stabbilita politika u, fuq kollox, sens ta' ħbiberija u ospitalità mill-poplu lejn il-barrani... li rari tiltaqa' magħhom f'pajjiżi oħra.

L-industrija tat-turiżmu f'Malta hi waħda mis-setturi l-aktar importanti ta' l-ekonomija. Il-pjan ta' żvilupp, li kien ikopri s-snin 1973-1980 kellu ippjanat fih il-mira li jilħaq 500,000 turist fis-sena 1979. Iżda, kif kulħadd jaf, it-turiżmu tant żdied illi fl-1978 ġew 477,741 turist u s-sena ta' wara ġew 618,310.

**Naturalment, l-ammont ta' flus barranin li daħlu f'pajjiżna minn dan is-settur kien konsiderevoli. Fl-1979 huwa stmat li daħħalna 'l fuq minn £M76 miljun.**

Sadanittant, il-ħidma kbira tal-Gvern, permezz tal-Organizzazzjoni tat-Turiżmu, il-lukandi u l-istabbilimenti turistiċi bdew jimtlew fix-xhur tax-xitwa wkoll.

Matul din is-sena, l-Gvern kompla bil-pjan tiegħu biex jibdel bini li kien jintuża mis-Servizzi Ingliżi fi stabbilimenti turistiċi.

Fl-1 ta' Frar, 1980, kien hemm reġistrati 97 lukanda, 51 guest houses, u ħames 'holiday complexes' li flimkien jipprovdu 12,915 sodda. Ma dawn kollha, wieħed jgħodd varjetà kbira ta' appartamenti 'self catering' li, matul l-1979, ipprovdew 13,978 sodda oħra. Ma' dawn wieħed irid iżid xi 6,000 sodda oħra li huma ipprovduti matul is-sajf ta' kull sena bħala stabbilimenti turistiċi temporanjament liċenzjati għall-iskop ta' abitazzjoni.

**Sadanittant, hemm ipproġettati, u qed jinbnew diversi lukandi u kumplessi turistiċi oħra. Dawn huwa stmat li se jkunu joffru 6,000 sodda oħra sa l-aħħar ta' l-1983. Fl-ewwel sitt xhur ta' din is-sena diġà tlestew blokki ta' appartamenti għat-turisti bħal ma huma ir-RIZA, HALLAND u MEDITERRANEA. Ma' dawn hemm żewġ lukandi 'Charella Hotel' u 'Caledonian Hotel' flimkien ma' 4 'guest houses' ġodda.**

Il-Gżejjer Maltin fihom mhux inqas minn 250 stabbiliment ta' l-ikel u x-xorb; minn ristoranti 'first class' sa snack-bars.

Malta issa hi wkoll magħrufa bħala ċentru għall-konferenzi u 'Product Launches' bil-faċilitajiet li joffru ħafna mil-lukandi l-kbar u speċjalment b'dawk li toffri Dar il-Mediterran għall-Konferenzi fil-Belt Valletta.

## IT-TURIŻMU DIN IS-SENA

**Minn Jannar sa Marzu 1980 ġew Malta 108,041 turist — żieda ta' 21,170 jew 24% fuq il-figura ta' l-istess perijodu tas-sena l-oħra.**


Re-live those beautiful moments with Kodak
Capture the happiness, the laughter, the joy- those beautiful moments on Kodak 8mm Movie Film, and re-live them over and over again.
Kodak 8mm Movie Film brings your memories back to life in brilliant colour.
Kodak
P. Cutajar & Co. Ltd.
. . . for the best in photography.

# L-INDUSTRIJA TAL-MAJJALI

F'Marzu ta' l-1978 l-industrija tal-majjal f'Malta ntlaqtet mill-marda magħrufa bħala **African Swine Fever.** Din hija marda qerrieda li f'dawn l-aħħar snin kienet il-kaġun tal-mewt ta' miljuni ta' majjali f'pajjiżi milquta mill-marda bħal Spanja, Portugal, Kuba, Italja, Brażil, ir-Repubblika Domenikana u Haiti.

Dak iż-żmien li faqqgħet il-marda hawn Malta kienu saru ħafna suġġerimenti, minn diversi bnadi, dwar l-aħjar mezzi biex tiġi ikkontrollata din il-marda. Iżda l-Gvern kien ħa d-deċiżjoni iebsa iżda għaqlija li l-majjali kollha kellhom jinqatlu u li dawk li jkunu nfettati jinqerdu waqt li dawk li mhux infettati kellhom jiġu mgħoddija għall-konsum jew għall-ipproċessar f'"bacon', perżut, eċċ. B'hekk mit-80,000 majjal li kien hawn f'Malta qabel il-marda, 45,000 ġew meqruda waqt li l-kumplament ġew ikkunsmati biex tnaqqset it-tbatija tal-produttur u telf bla bżonn għall-Ekonomija Maltija.

**Ftit wara illi kienet faqqgħet il-marda, bdew isiru ħafna laqgħat ma' esperti veterinarji mill-pajjiżi tal-Komunità ta' l-Ewropa u minn pajjiżi oħra ħbieb tagħna biex jiġi mistħarreġ kif Malta setgħet teqred din il-marda biex waqt li nkunu qegħdin inlestu t-triq għat-trobbija mill-ġdid f'Malta fl-iqsar żmien possibbli nkunu qegħdin niżguraw li din l-epidemja ma tinfirixx għall-pajjiżi ta' madwarna.**

F'dawn il-laqgħat ġie miftiehem u mfassal programm li jiswa madwar £M5 miljuni sabiex jinqatlu l-majjali kollha, jiġi ddisinfettat kull fejn seta' kien ikkontaminat u sabiex titpoġġa fuq sisien ġodda industrija ġdida tal-majjali. Dan il-programm kien jinkludi l-bini ta' proġett f'Kemmuna sabiex iservi ta' Breeding Station tal-majjal, kif ukoll il-bini mill-ġdid u l-modernizzazzjoni ta' rziezet għall-majjali ġewwa Malta u Għawdex. Il-programm jinkludi wkoll mod iġjeniku kif jissajjar is-Swill għall-annimali u kontroll veterinarju.

Kif kien ħabbar il-Prim Ministru fil-Kamra tad-Deputati nhar it-2 ta' Lulju 1979 il-Kunsill tal-Komunità fl-24 ta' Mejju 1979 approva li jiffinanzja nofs l-ispiża b'għotja ta' 5 miljun unit of account (jiġifieri £M2.5 miljun).

Ix-xogħol fuq dan il-programm beda minnufih u bl-għajnuna ta' esperti Ungeriżi, Kubani u oħrajn l-bini tar-razzett ġewwa Kemmuna mexa 'l quddiem b'ħidma tal-ħaddiema tal-Korp Iżra' u Rabbi megħjuna minn ħaddiema tal-Gvern. Meta l-bini kien wasal fi stat avvanzat ħafna, il-Gvern ħareġ 'tender' għal xiri ta' majjali tar-razza li minnhom kellu jingħata bidu għat-trobbija ta' majjali ġewwa Kemmuna. Kien hemm diversi offerti mill-Ingilterra, Olanda, Danimarka, Ġermanja, eċċ. u wara studju bir-reqqa ta' l-offerti kollha ġiet magħżula l-offerta tad-ditta Ingliża AGROCON u l-ewwel kunsinna ta' majjali għal Kemmuna



Tasal waħda mill-kunsinni ta' majjali.



Il-bini tar-razzett f'Kemmuna.

waslu Malta fl-aħħar ta' Diċembru 1979.

**Minn dak iż-żmien waslu sitt kunsinni oħra — waħda kull xahar — u b'kollox huwa mistenni li jiġu mpurtati madwar 850 majjala tar-razza. Ir-razez li ġew magħżula biex jittrabbew f'Kemmuna huma dawk tar-razza LARGE WHITE u LANDRACE. Dawn iż-żewġ razez u l-'crosses' tagħhom kienu diġà jittrabbew hawn Malta b'riżultati tajba ħafna qabel il-marda ta' l-African Swine Fever.**

Ir-razza LARGE WHITE hija razza tajba ferm li tagħti produzzjoni mill-aqwa ta' laħam tal-mejda u peress li f'Malta l-produzzjoni tal-'bacon' żdiedet, inħass l-bżonn li jiġi ntrodott demm ġdid u kien għalhekk li ġiet introdotta f'Malta r-razza LANDRACE biex b'taħlita ta' dawn iż-żewġ razez ikollna majjali tajbin għall-ħtiġiet tagħna u għalhekk minn Kemmuna l-produtturi Maltin jkunu jistgħu jinqdew bi btan b'saħħithom u tajbin kemm għassimna kif ukoll għar-razza.

Biex ikun hemm dewmien mill-inqas, il-majjali li ġew mill-Ingilterra ġew importati diġà mgħammra u kien għalhekk li minn Frar ġewwa Kemmuna kien hemm l-ewwel twelid u sa l-aħħar ta' Mejju kienu twieldu madwar 2,000 majjal. Skond il-programm li miexi bih il-Ministeru tal-Biedja u Sajd, u kif ħabbar fil-Parlament dan l-aħħar il-Ministru Freddie Micallef, diġà bdew jitqassmu minn dawn il-majjali f'diversi rziezet f'Malta. Dawn il-majjali "sentinelli" qegħdin jitqassmu taħt sistema ta' kwarantina u kontroll veterinarju biex jiġi żgurat li m'hemmx aktar il-virus tal-marda African Swine Fever. Hekk kif jispiċċa dan l-eżerċizzju, ikun jista' jingħata bidu għall-aħħar parti tal-pjan — dak li jibdew jitqassmu majjali għar-razza kif ukoll majjali għas-simna f'dawk l-irziezet kollha li jiġu approvati u liċenzjati.

**Kif tħabbar diġà, it-trobbija mill-ġdid sejra tkun ikkontrollata, u dawk il-produtturi li jkollhom irziezet ta' standard tajjeb BISS sejrin jiġu mogħtija liċenzja biex irabbu l-majjali. Dan huwa importanti li jsir biex il-produzzjoni tal-majjal tkun organizzata u programmata għall-benefiċċju tal-produtturi u ta' l-Ekonomija Maltija.**



Huwa mistenni li jiġu mpurtati 850 majjali tar-razza.




# IĊ-ĊITTADELLA



**Il-kelma 'Ċittadella' tfisser belt iffortifikata.**

**Fl-antik, din il-belt kienet akbar milli tidher illum.**

**Il-fatt li, l-Gvern għażel ir-restawr taċ-Ċittadella tar-Rabat t'Għawdex bħala wieħed mill-erba' proġetti f'kampanja mnedija mill-UNESCO għar-restawr ta' monumenti fil-Gżejjer tagħna, u l-ħarġa ta' bolli postali li turi sewwa sew lil din il-belt medjoevali, qajjem ħafna interess f'dan il-monument fost dawk kollha li għandhom għal qalbhom l-istudju ta' l-istorja ta' pajjiżna u fost il-pubbliku in ġenerali. Meta xterdet l-aħbar, bosta nies ħassew ix-xewqa li jkunu jafu iktar dwar il-ġrajjiet ta' dan iċ-ċentru antik tal-ħajja amministrattiva, soċjali u reliġjuża tal-Gżira tat-Tliet Għoljiet.**

Il-kelma 'Cittadella' tfisser belt iffortifikata. Jekk nemmnu t-tagħrif li ħallielna l-kittieb Quintino meta kiteb dwar Malta, din il-belt twaqqfet bosta mijiet ta' snin qabel ma ġiet mibnija l-belt ta' Ruma. Fl-antik, din il-belt kienet wisq akbar milli tidher illum. Hija kienet tinfirex fuq medda kbira ta' dak illi llum jissejjaħ ir-Rabat ta' Għawdex. Kellha tliet bibien prinċipali: Bieb il-Għajn u Bieb il-Għarb. Dan nafuh mhux minn xi dokumenti speċjali iżda mis-sinjali tal-pedamenti tas-swar li ġew misjuba bosta u bosta snin wara.

Wara t-taptipa li kienu ġarrbu l-Għawdxin fis-sena 1551 meta Sinam Baxa' daħal ġo din il-belt, ħarbatha u ħa, tista' tgħid, il-popolazzjoni kollha lsiera, l-Awtoritajiet ta' l-Ordni, fuq il-parir ta' l-inġinier Rinaldino, qatgħuha li jċekknu s-swar tal-belt billi dehrilhom li jkun iktar faċli li wieħed jiddefendi objettiv ċkejken milli objettiv aktarx kbir kif kienet iċ-Cittadella qabel. Imħabba f'hekk, iċ-Cittadella ġiet imċekkna kif tidher illum.

Iż-żmien, it-terremoti, it-traskuraġni tan-nies għamlu ħerba kbira minn xi kostruzzjonijiet interessanti li kellha din il-ġawhra ta' belt madjoevali. Fost ħwejjeġ oħra, ta' min isemmi l-qerda ta' bosta djar sinjorili ta' familji nobbli li kienu ġew joqogħdu f'Għawdex fl-imgħoddi minn Franza, Spanja u Sqallija u li kellhom, minquxa fuq il-faċċata, l-arma tal-familja b'xi motto bil-Latin miktub taħtha. Iżda xi wħud minn dawn id-djar kellhom jiġġarrfu wkoll apposta fis-sena 1697 meta bdiet tinbena l-Knisja Kattedrali li tidher illum.

Il-bini l-iktar importanti li għad fadal wieqaf jinsab fl-inħawi tal-pjazzetta ta' quddiem il-Knisja Katedrali. Hawnhekk insibu l-Qorti t'Għawdex, mibni fis-sena 1608, mill-Gran Mastru Wignacourt, l-ewwel wieħed ta' dan l-isem, u maġenbu r-residenza tal-Gvernatur t'Għawdex, li

(Ikompli fil-paġna 30)




The cream is real, the whiskey is real – only the taste is magic!




BAILEYS
ORIGINAL IRISH CREAM


Aktar faċli
bic-cheque book
Bank of Valletta
Limited, Malta
B'ferghat ma' Malta u Għawdex.
Il-Bank ġirien tiegħek.

# SKEMA NAZZJONALI TAS-SAĦĦA




**L-Iskema Nazzjonali tas-Saħħa li qed iwettaq fil-Gżejjer Maltin il-Ministeru tas-Saħħa u Ambjent sejra tipprovdi servizz estensiv li jkopri kull aspett tas-Saħħa Pubblika. Minħabba l-kobor tiegħu dan l-eserċizzju qed jiġi introdott pass pass, fażi wara l-oħra.**

L-ewwel pass 'l quddiem fl-Iskema Nazzjonali tas-Saħħa kien l-introduzzjoni ta' kura bla ħlas għal kulħadd. Is-servizz mediku mhux talli sar b'xejn imma ġie wkoll imtejjeb permezz ta' proċess kontinwu ta' modernizzazzjoni fl-isptarijiet tal-Gvern matul dawn l-aħħar snin. Dan il-programm mhux biss żied l-attrezzamenti u l-apparati mediċi għall-kura aħjar ta' l-individwu iżda wkoll aġġorna s-servizzi primarji ta' l-isptarijiet, biex b'hekk żdiedet kemm l-effiċjenza u kemm il-kumdità.

## KURA B'XEJN FIL-KOMUNITA'

It-tieni pass li beda jitħaddem mill-ewwel ta' Jannar ta' din is-sena, kien l-estensjoni tas-servizzi ta' kura b'xejn fil-komunità għal kulħadd. Dan is-servizz, operat minn nurses, qwiebel u awżiljari oħra, qed jipprovdi servizz ta' kura u assistenza oħra. L-iskop prinċipali huwa li l-individwu jirċievi, kemm jista' jkun, il-kura meħtieġa filwaqt li jibqa' fl-ambjent tal-komunità li jkun imdorri fiha.

## SERVIZZ TA' EMERĠENZA

It-tielet pass, li ġie ntrodott erba' xhur wara, fl-ewwel ta' Mejju ta' din is-sena, kien l-introduzzjoni ta' Servizz ta' tobba f'każi ta' emerġenza. Dan is-servizz jinkludi arranġamenti kemm biex it-tobba jkunu jistgħu iżuru l-morda fi djarhom, u kemm biex pazjenti jiġu nvistati ġewwa l-Poliklinika tal-Furjana. F'dawk il-każi fejn ikun hemm il-bżonn, li pazjent jittieħed l-isptar, jiġu wkoll provduti faċilitajiet meħtieġa.

**Dan is-servizz ta' emerġenza jopra bejn is-6.00 ta' filgħaxija u s-7.30 ta' l-għada filgħodu, bejn nhar ta' tnejn u nhar ta' ġimgħa. Fi tmiem il-ġimgħa is-servizz iseħħ bejn is-6.00 ta' filgħaxija nhar ta' ġimgħa, u s-7.30 ta' filgħodu nhar it-tnejn ta' wara. Dan is-servizz jitħaddem mill-Poliklinika tal-Furjana, u dawk il-membri tal-pubbliku li jkollhom bżonn is-servizz ta' tabib "f'każ ta' emerġenza" f'dawn il-perijodi għandhom iċemplu l-Poliklinika fuq in-numru 603314 jew 603315.**

## BEREĠ GĦALL-KUMDITA' TAL-POPLU

Is-servizz ta' emerġenza huwa żieda fuq dawk is-servizzi li diġà qed iseħħu mill-Bereġ tal-Gvern. Biex ikompli jitjieb u jissaħħaħ is-servizz minn dawn il-Bereġ, il-Ministeru tas-Saħħa u Ambjent dan l-aħħar ħejja programm ta' modernizzazzjoni biex il-Bereġ ikunu attrezzati aktar, u jiżdiedu l-benefiċċji u l-kumdità għall-pubbliku. Bħala parti mit-titjib tas-Servizz mill-Bereġ, dawk ta' Ħal Għaxaq u tal-Gudja ġew trasferiti għal postijiet aħjar fl-istess irħula waqt li nfetħet Berġa ġdida ġewwa Santa Lucija, fejn ir-residenti ta' dan il-lokal, li issa kiber sewwa, ma jkomplux aktar isofru l-inkonvenjenza li jmorru f'Bereġ f'irħula oħra, iżda jgawdu minn dik li jkollhom fil-lokal tagħhom.

**SERVIZZ ESTENSIV LI JKOPRI KULL ASPETT TAS-SAHHA PUBBLIKA**

الخطوط الجوية العربية الليبية

# LIBYAN ARAB AIRLINES

HEAD OFFICE:
**1, Valletta Bldgs.,**
**South Street,**
**Valletta**
**Tel: 24767 — 22735**

SALES OFFICE:
**Freedom Square,**
**Valletta**
**Tel: 27571 - 27575 - 27579**





# Jitkellem l-Avukat

***Dawn huma tweġibiet għal każi ġenerali u għalhekk f'kull każ partikulari wieħed għandu jieħu parir legali.***

*Missier żewġi kien tani dar u mandretta b'donazzjoni, biex igħin peress li kont irmolt. Issa dan qed igħidli li hu fil-bżonn, u bagħat jitlobni l-manteniment. Jien obbligata?*

Naħseb li inti stess tħossok moralment obbligata lejn dan il-bniedem li, meta rak fil-bżonn, kien tant ġeneruż miegħek. Barra minn hekk, anki l-liġi tobbligak. Infatti l-liġi tgħid (Art. 1869) li min jirċievi donazzjoni obbligat imantni lid-donatur, jekk dan jaqa' fil-bżonn, naturalment sakemm ma jkunx hu stess fil-bżonn dak stess li rċieva d-donazzjoni.

* * *

*Jekk xebba tkun toqgħod ma' nannitha bħala residenza ordinarja, ġo dar mikrija lin-nanna, mhix dekontrollata, u n-nanna tiġi nieqsa x-xebba jkollha dritt tibqa' b'kera fl-istess dar? U jekk in-nanna tmur f'xi istitut jew f'xi dar tas-sorijiet ix-xebba jkollha l-istess dritt?*

La d-dar mhix dekontrollata, jekk in-nanna tmut, dik ix-xebba, bħala membru tal-familja tal-kerrejja, għandha dritt tibqa' fid-dar, b'kera.

Iżda jekk in-nanna toħroġ, ix-xebba ma tkunx tista' tibqa' toqgħod hemm, jekk mhux bil-kunsens tas-sid.

* * *

*Żewġi irċieva somma, li ġiet depożitata f'ismu f'bank. Jekk jiġi nieqes, ikolli nitħabat għal dawk il-flus, billi qegħdin f'isem żewġi? It-tfal jitolbuni sehemhom?*

Kull depożitu li jsir ma' tul iż-żwieġ, hu tal-komunjoni, jiġifieri nofs tar-raġel u nofs tal-mara. Jekk ir-raġel imut, dawk il-flus jiġu "iffriżati", jiġifieri miżmumin mill-bank sa kemm turi id-dokumenti meħtieġa, fosthom, l-aħħar testment tal-mejjet, jew ċertifikat li ma hemm ebda testment. Jekk il-flus ikunu depożitati f'isem il-mara, din tista' tmur tirtirahom meta trid, sakemm ir-raġel ikun għadu ħaj. Kif qegħdin depożitati, ir-raġel jista' meta jrid jirtirahom, u, jekk ma jistax joħroġ hu mid-dar dan jista' jinnomina lil xi ħadd, per eżempju lilek, jew xi ħadd mit-tfal, jew lil min irid, biex imur jirtirahom f'ismu.

* * *

***Żewġi miet. Konna għamilna testment 'unica charta' fejn konna ħallejna lil xulxin kwart ta' ġidna fi proprjetà assoluta, u tliet kwarti użufrutt. Lit-tfal ħallejnihom eredi indaqs bejniethom. Issa hemm wieħed minn uliedi qed jinkwetani ħafna, qed igħaddi ħajja ħażina u qed iberbaq ħwejġu. Jien nista' nagħmel testment ieħor fejn lilu nħallih użufruttwarju u lil uliedu eredi?***

Testment jista' jsir dejjem. Però ftakar li, jekk fit-testment 'unica charta' ma' żewġek m'hemmx xi klawsola li fiha intom tajtu lil xulxin il-fakoltà li min jibqa' ħaj l-aħħar minnkom ikun jista' jagħmel testment ieħor, inti titlef dak li ħallielek żewġek jekk tagħmel testment ieħor. (Artikolu 630, Kodiċi Ċivili).

*Jien kont krejt dar dekontrollata, għal tliet snin 'di fermo' u tliet snin 'di rispetto'. Dawn is-sitt snin waslu biex jgħalqu. Is-sid jista' jeħodli d-dar, skond l-emendi ġodda fuq il-liġi tad-dekontroll?*

L-Att XXIII ta' l-1979, fl-artikolu 3, paragrafu 3, igħid li s-sid ma jistax jirrifjuta li jġedded il-kera ħlief jekk jipprova, quddiem il-Bord, b'rikors li jkun ippreżenta biex jieħu l-fond lura, li matul iż-żmien tal-kirja l-kerrej kien naqas li jħallas il-kera wara li jkun għalaq darbtejn jew aktar, sa 15-il ġurnata minn meta s-sid ikun talabulu, jew għax ikun għamel ħsara kbira fid-dar, jew għax ikun naqas minn xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-kiri; jew għax ikun uża l-fond xort'oħra milli bħala residenza (e.g. bħala negozju, jew bħala każin), u dan, dejjem jekk id-dar tkun residenza ordinarja, u l-kerrej ikun ċittadin ta' Malta.


EXPERT SERVICING
and repairs
of
TELEVISION RECEIVERS
(all makes)
and
Radios, Tape Recorders, Amplifiers and Other Electronic Equipment.



Contact:
Mediterranean Technical Services Limited
1 Valley Mansions, Valley Road, Birkirkara. Tel:42773

# ĦIDMA BEJN GVERN U IMPORTATURI BIEX JIBBENEFIKA L-POPLU



Aħna, fil-Gżejjer Maltin, irridu nimpurtaw kważi kull ma għandna bżonn: żejt għall-enerġija, materja prima għall-fabbriki, u l-prodotti lesti *fosthom dawk essenzjali* għal ħajja ta' kuljum. U m'għandna xejn x'nistgħu nesportaw, f'dawk li huma riżorsi naturali biex jista' jagħmel tajjeb għal din l-importazzjoni, bħal ma għandhom pajjiżi oħra.

Issa, minħabba l-għoli fil-prezz taż-żejt u tal-materja prima, kif ukoll minħabba l-inflazzjoni ġenerali, d-dinja kollha għaddejja minn perijodu ta' żidiet kbar u bla rażan tal-prezzijiet.

Dan l-għoli esaġerat tal-prezzijiet minnu nnifsu jikkaġuna wkoll skarsezzi ta' ċerti oġġetti mis-swieq tad-dinja. Dan jagħmilha iżjed diffiċli li ssib tixtri dak li trid *jekk ma tkunx lest li tħallas ħafna iżjed milli normalment jiswa.*

**NEGOZJU**

F'sitwazzjoni bħal din il-Gvern Malti bilfors kellu jieħu passi u *jadotta s-sistema ta' l-importazzjoni li taqbel ma' dawn iċ-ċirkostanzi.* Bħala pajjiż żgħir kellna bilfors nifteħmu bejnietna, Gvern u importaturi jew negozjanti, biex flimkien, *u mhux kulħadd għal rasu,* ninnegozjaw ma pajjiżi kbar u mingħandhom nixtru u nġibu lejn Malta l-prodotti essenzjali bl-orħos prezzijiet u, bl-aħjar kondizzjonijiet possibbli.

Huwa fatt li jekk wieħed jgħaqqad flimkien l-ordnijiet kollha tiegħu, u flok b'ordni żgħira, imur b'ordni kbira, wieħed ikollu ċertament ċans ikbar li jinnegozja aħjar u jirnexxilu żgur li jġib prezz orħos milli qatt kien jista' jġib negozjant waħdu meta dan kien jagħmel ordni żgħira; u ħafna drabi n-negozjant kien jixtri biss jekk ikun jaqbel lilu li jagħmel dan.

Fuq dan il-kunċett, il-Gvern, permezz tad-Dipartiment tal-Kummerċ, stieden lin-negozjanti kollha biex flimkien miegħu jiffurmaw *kumitat nazzjonali—kumitat għal kull oġġett essenzjali* li jiġi imdaħħal Malta. L-oġġetti l-aktar essenzjali għal-konsumatur u l-ekonomija huma bħal: laħam, butir, ġobon, frott, ġwież, zokkor, kafe', te, siment, injam u ħadid.

**OĠĠETTI ESSENZJALI**

L-oġġetti essenzjali li semmejna huma oġġetti sensittivi li l-konsumatur tagħna mdorri bihom u li rridu nżommuhom fis-suq lokali. U dawn intgħażlu wara li l-konsum tal-pajjiż ġie mifli bir-reqqa kollha. Ta' min isemmi li l-qamħ għax kien minn dejjem meqjus essenzjali, minn dejjem kien ikkontrollat mill-Gvern. Illum il-poplu (jiġifieri l-konsumatur), mhux qed jiekol ħobż biss, u għalhekk, prodotti oħra, bħal-laħam, li l-konsum tagħhom dan l-aħħar żdied sewwa, saru wkoll oġġetti essenzjali.

*Bis-sistema l-ġdida li issa introduċa l-Gvern, jiġifieri s-sistema tal-'Bulk Buying', l-Gvern jagħmel biss il-kuntatti mas-swieq barranin u jagħmel l-ordni; dej-*

*jem l-aktar waħda vantaġġuża.* Il-Gvern daħal f'din is-sistema sabiex ikun jista' jikkordina l-ippjanar u x-xiri ta' l-oġġetti essenzjali Ma daħalx biex jieħu post l-importaturi jew d-distributuri. Il-Gvern daħal biex ikun jista' jikkordina effettivament l-isforzi ta' dawn is-setturi kollha, iżda *l-funzjoni kummerċjali kollha baqa' u għadu jagħmilha n-negozjant.*

**PROBLEMI**

Hawn ta' min jgħid, li qabel ma bdiet taħdem din is-sistema tal-*Bulk Buying* l-importaturi kienu ta' spiss imorru d-Dipartiment tal-Kummerċ biex jitolbu l-intervent tal-Gvern issa għal ħaġa u issa għal oħra. Jiġifieri, s-settur privat kien iħossha l-ħtieġa li jaqa' fuq il-Gvern biex isolvilu ċerti problemi. Min-naħa tiegħu l-Gvern dejjem ammetta li n-negozjant għandu ċerta esperjenza fejn jidħol il-kummerċ.

In-negozjant, qabel, kien jimporta meta hu bħala negozjant kien jaqbillu. Illum, jekk prodott hu essenzjali għal konsumatur, (per eżempju l-laħam) dan irridu nimportawh irrispettivament jekk ikunx jaqbel jew le għan-negozjanti, għax llum l-aktar ħaġa importanti mhux il-qliegħ li ser isir, imma li l-konsumatur ikollu l-aħjar kundizzjonijiet possibbli fil-mument.

*Il-vantaġġ ta' din is-sistema huwa ovvju li għaqdet l-esperjenza li għandhom l-importaturi flimkien mal-kuntatti kbar li għandu l-Gvern bħala Gvern ma pajjiżi barranin.*

**KWALITA' TAJBA**

B'din is-sistema, l-Gvern flimkien man-negozjanti fassal speċifikazzjonijiet ta' kull prodott li jimporta u qed jimxi fuqhom biex jassigura li l-kwalità ta' prodotti importanti tkun tikkonforma magħhom. Prodotti li ma jikkonformawx, avolja jkunu orħos filprezz, ma jitħallewx jidħlu Malta u b'hekk tiġi salvagwardata l-kwalità.

Illum anki l-istess kummerċjant jaqbel li din is-sistema hi għal vantaġġ kemm tiegħu u kemm tal-konsumatur. Il-kummerċjanti issa raw b'għajnejhom li ma hemmx għalfejn joqogħdu jiġġieldu bejniethom dwar prezzijiet u suq, għal skapitu tal-kwalità. Issa spiċċalhom il-biża li jinqabdu b'xi kunsinna li ma jkunux jistgħu ineħħuha. Is-sistema kif inhi llum serħitilhom moħħhom speċjalment meta jafu li l-qliegħ ġust li suppost jagħmlu huwa iggarantit. *U ta' min ifakkar li fl-imgħoddi kien hemm min ipprova jabbuża mill-prezzijiet u kien jipprova jaqla' ħafna iżjed milli suppost; għad-dannu tal-konsumatur.*

Kif kienet is-sistema qabel, n-negozjant kien jippreżenta riċevuti u kontijiet tal-kunsinna li jkun ġab Malta, biex id-Dipartiment tal-Kummerċ ikun jista' jiffissalu l-prezz li bih ikun jista' ibiegħ mill-kunsinna lill-konsumatur. Kien jiġri li ħafna negozjanti kienu jibqgħu ibigħu b'dak il-prezz iffissat mid-Dipartiment anke meta kien jirnexxilhom jimportaw mill-istess kunsinna bi prezz orħos. U meta kien jogħla l-prezz, in-negozjant kien jogħllih fuq l-'istocks' kollha li jkollu anke dawk li kien ikollu maħżuna fil-

(Ikompli fil-paġna 29)

FOR SERVICE AND SATISFACTION
REFER YOUR GALVANISING REQUIREMENTS
TO
MALTA DRYDOCKS
ENQUIRIES TO:
MARKETING AND SALES MANAGER
NEW BUILDING SECTION
Tel: 822451 822491 (Ext: 308, 500)

Batteries – natural by
# VARTA




# VARTA
Batteries last longer




# VARTA
**Batteries are obtainable in various sizes and are ideal for 1001 uses.**




**Use VARTA BATTERIES for**

- **Transistor Radios • Cameras and Cine Cameras**
- **Toys • Flash Guns • Exposure Meters • Testers**
- **Portable Cassette Recorders • Torches • Lanterns • Shavers etc. etc.**

*Distributors:-* **O & V PHOTOGRAPHIC**
**62, SOUTH STREET, VALLETTA TEL: 25272**

# Għal Sewqan Aħjar



△ Qabel ma **tistartja** l-magna tal-vettura, ara li int tkun bilqiegħda **sewwa u komdu** u li s-**seat** ikun fil-pożizzjoni tiegħu sewwa.

△ Ara li l-**mera,** li turik wara, tkun qiegħda f'postha, u li kemm il-ħġieġ ta' quddiem kif ukoll ta' wara jkun kollu **nadif** u b'xejn li jista' jfixkel il-vista.


Agħti l-attenzjoni kollha lill-karozza tiegħek.

Għal servizz minn nies esperti u l-iktar responsabbli mingħand

MOTOSERV GARAGE

Valley Road,
Birkirkara.
Tel: 491883


△ Ma għandekx tilbes **żraben** jew **ħwejjeġ** li jistgħu itellfuk fis-sewqan.

△ Ipproteġi **għajnejk** mid-dija li tgħammex jekk ikun meħtieġ. Ħu pożizzjoni komda imma tqigħedx **idejk** barra mit-tieqa.

△ Ikkonċentra fuq is-sewqan u tħallix li jkollok **distrazzjonijiet** speċjalment meta jkollok lil **xi ħadd** ikellmek ma' ġenbek.

△ Qabel ma ssuq, ħares madwarek, anki jekk tkun ħarist diġà fil-mera, biex tara li m'hu ġej ħadd. **Agħti s-sinjal tajjeb qabel ma ssuq.** Suq biss meta ma jkunx hemm periklu u ma tkunx ta' inkonvenjenza għall-oħrajn li jkunu qed jużaw it-triq.

△ Oqgħod attent speċjalment meta tkun se **tirriversja.**

△ Dejjem ara li l-**bibien** ikunu magħluqa sewwa u jekk ikun qed jidlam, qis li tixgħel **id-dwal.**

△ Żomm **max-xellug** sew, ħlief meta tkun trid taqla' jew iddur fuq il-lemin. Iżżomx fin-nofs tat-triq. Meta ddur kantuniera qis li żżomm sew fuq **in-naħa tiegħek.**

△ Issuqx bi 'speed' eċċessiv, iżda lanqas għandek issuq bil-lajma, l-lajma.

△ Meta tkun fi triq li għandha 'centre-strip' xorta waħda għandek iżżomm fuq ix-xellug.

△ **Iżżomx traffiku warajk.** Huwa perikoluż u kontra l-liġi li titfi l-magna meta tkun fi triq għan-niżla.

△ Issuqx **qrib wisq** tal-vettura ta' quddiemek. Kun attent b'mod speċjali meta tkun f'telgħa wieqfa jew meta it-triq tkun imxarrba.

△ Taqlax meta jkun hemm ħafna **vetturi wara xulxin** quddiemek, jew meta l-vettura ta' quddiemek tkun qed taqla' lil xi oħra. **Jekk tkun fid-dubju żomm lura.**



**Oqgħod attent meta tkun se tirriversja.**

# L-IŻVILUPP FL-AJRUPORT



Hekk kif ir-*runway* il-ġdid ta' Ħal Luqa tlesta u beda jaħdem, l-Gvern ħa ħsieb jibda proġett biex ikabbar u jimmodernizza l-bini tat-Terminal. Dan ċertament ried jiġi mkabbar biex ilaħħaq mad-domanda kbira ta' eluf ta' passiġġieri deħlin u ħerġin minn Malta; u kif ukoll mal-volum dejjem jikber ta' merkanzija li hi riżultat ta' l-industrijalizzazzjoni tal-Gżejjer Maltin.

**L-ewwel ma sar kien il-bini ta' ġenb shiħ bħala estensjoni tal-bini tat-Terminal. Dan il-ġenb beda issa jservi għall-passiġġieri li jkunu waslu minn barra. Il-bini fih ukoll akkomodazzjoni għal klinika, pulizija, VIP's, rappreżentanti ta' ġurnali, toilets u kafeterija.**

1. **Iż-żieda fit-turisti ġabet il-ħtieġa għal estensjoni fil-bini tat-Terminal.**
2. **Parti mill-bini l-ġdid fejn jaslu l-passiġġieri.**
3. **L-aħħar xiri qabel it-tluq mid-Duty Free Shop il-ġdid.**
4. **Haddiema ta' l-AirMalta jħaffu x-xogħol tat-tluq.**
5. **L-aħħar passi tat-turisti . . . . .**
6. **. . . . . is-sala l-ġdida tad-Dwana għal dawk ġejjin.**
7. **L-aħħar tagħbija u l-Boeing jitlaq għal titjira oħra tal-Linja Nazzjonali.**








| | 1970 | 1975 | 1979 |
|---|---|---|---|
| **Ajruplani** | | | |
| Nżul . . . . | 4,002 | 5,010 | 6,996 |
| **Passiġġieri** | | | |
| Ġew . . . . | 202,308 | 376,323 | 658,190 |
| Marru . . | 204,399 | 376,733 | 658,274 |
| Transit . . | 7,376 | 21,994 | 14,974 |
| **Merkanzija** (Kg.) | | | |
| Daħlet . . | 3,402,125 | 3,558,797 | 3,735,155 |
| Ħarġet . . | 1,666,710 | 2,673,540 | 2,739,360 |








**Fis-sular ta' fuq hemm gallarija għal qraba u ħbieb tal-vjaġġaturi. Hemm ukoll numru ta' uffiċini u kmamar biex jakkomodaw l-impjegati tad-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili.**

Fix-xogħol li sar fuq din l-estensjoni ġdida tat-Terminal f'Ħal Luqa, intużaw kemm jista' ikun materjali lokali u s-snajja' tal-ħaddiema Maltin.

Ħafna mill-art u t-turġien ġew iċċangjati u l-kolonnar miksi bi rħam Malti.

**It-tieni fażi tal-proġett qed isir billi titkabbar id-Departure Lounge — jiġifieri minn fejn jitilqu l-passiġġieri. Din il-parti qed tiġi mkabbra u se jkun fiha 4 bibien minn fejn jitilqu il-passiġġieri, flimkien ma l-amenitajiet oħra inkluż id-Duty Free Shop, toilets, telefons, 'counter' tad-dwana u kafeterija.**

Xogħol ieħor huwa l-immodernizzar taċ-Checking-In-Area fejn wieħed juri l-biljett u jintiżnulu l-bagalji. Ser ukoll jingħata spazju aktar lill-Air Malta peress li din qed tagħmel ix-xogħol kollu ta' aġent tal-linji l-oħra ta' l-ajru fl-ajruport. Xogħol ieħor ippjanat qed isir fit-Transit Lounge fejn passiġġieri jgħaddu ftit tal-ħin sakemm ikomplu l-vjaġġi tagħhom.

Għall-impjegati ta' l-ajruport hemm maħsubin ukoll faċilitajiet ta' akkomodazzjoni għal matul il-ħin tal-mistrieħ tagħhom.



# MINĦABBA XI ĦADD BLA QALB U BLA RAS

Għalkemm kienu jiktbu lil xulxin regolarment, qatt ma kienu ltaqgħu mall-kuġini tagħhom Sheila u Paul li kienu joqogħdu l-Ingilterra. Għalhekk tistgħu taħsbu kemm ferħu bihom David, Noel u Joanna meta marru jilqgħuhom fl-ajruport ta' Ħal Luqa.

Sheila u Paul dehru kuntenti ħafna li ġew Malta.

"Huwa ħafna sħana" qal Paul b'Malti xi ftit imkisser.

"Tibżax," qallu zijuh, missier David, Noel u Joanna. "Għada stess neħodkom tgħumu u żgur li tkunu tistgħu tiffriskaw kemm tridu."

"Il-baħar il bogħod minn Ħal Luqa, uncle?" staqsiet Sheila.

"Irridu mmorru bil-ferrovija u ndumu sejrin ġurnata!" qalilha Noel biex jinbixha.

"Mela hawn Malta hawn ferrovija?"

"Tieħux għalih, Sheila," qabżet qalet zijitha, omm Noel.

"X'jiġifieri?" staqsiet Sheila.

"Jiġifieri Noel qiegħed jiċċajta", qallha zijuha.

"Hawn Malta l-baħar imkien m'hu bogħod daqshekk".

Sadanittant kienu ħerġin mill-ajruport u sejrin lejn id-dar bil-karozza.

"Aħna ġejna Malta minħabba l-baħar u l-festa tar-raħal; daqs kemm ilna nisimgħu fuqhom", esprimew Sheila u Paul.

"Tibżax. It-tnejn sejrin tgawduhom kemm iddumu Malta. L-ewwel ħaġa għada naqbdu u mmorru sa l-Għadira!"

"Mela m'intix xogħol, għada?"

"Il-jumejn ta' qabel il-festa u l-għada noħodhom frank u ma naħdimx".

"Sewwa tagħmel, uncle. Jien dak li nimmissja l-Ingilterra: it-temp ta' Malta, il-baħar u l-festa" qal Paul.

"Mela tħabbel rasek xejn. Issa li qegħdin hawn int u Sheila gawduhom ħalli tpattu."

* * *

L-għada fid-disgħa ta' filgħodu, David, Noel u Joanna flimkien ma' missierhom u ommhom kienu diġà marru għall-kuġini li kienu qed joqogħdu man-nanna. Sabuhom jistennew fil-bieb.

"Ħsibtkom insejtu", qal Paul li kien iħobb igħidha kif iħossha.

"Ninsew kif? Aħna mhux fid-disgħa ftehmna? Issa għadhom kemm daqqu. Intom lesti?"

"Sure . . . . . "

* * *

Wara ftit kienu għaddejjin minn ġol-Mosta.

"Dik" qalet Joanna, waqt li bdiet turi b'subagħha, "hi l-knisja tal-Mosta. Il-koppla hi t-tielet waħda fid-dinja għall-kobor."

Sheila u Paul xtaqu jinżlu ħalli jeħdulha ritratt biex juruh lil sħabhom ta' l-iskola meta jerġgħu lura fl-Ingilterra, iżda zijuhom, qalilhom jieħdu paċenzja u jħallu r-ritratt għal meta jkunu ġejjin lura.

Kif ħarġu mill-Mosta, t-tfal mill-ewwel lemħu l-baħar fuq ix-xefaq.

"Ara fejn hu!" għajjtu t-tfal f'daqqa.

"Wasalna zi?" staqsiet Sheila.

"Le, imma dalwaqt . . . ."

"Iġri naslu!"

Minn Burmarrad għal San Pawl il-Baħar, għax-Xemxija . . . it-telgħa tal-Mellieħa . . . iż-żigużajg . . . . u fl-aħħar l-Għadira.

"Kemm hawn nies dad!", qalet Joanna.

"U hawn mhux dejjem binnies!"

"Sabiħ hawnhekk" qal Paul. "Il-baħar il-veru blu".

"Mhux blu", qalet Sheila. "Iktar qisu jagħti fl-aħdar."

"It-tnejn għandkom raġun" qallhom zijuhom, "għax hawn il-baħar jagħti kemm fl-aħdar u kemm fl-ikħal".

Hawn waqfu u ipparkjaw. Sabu roqgħa ramel ma tantx fiha nies u f'kemm trodd salib kienu ġa libsu il-malji u nofshom il-baħar.

"Ħej, oqgħodu attenti!" qal il-missier. "Isa ara hawnhekk baxx u jilħqilkom. Tmorrux 'l barra ħafna. U ħaġa oħra, Sheila u Paul! Intom neqsin ħafna mix-xemx u għalikom din tista' tkun qawwija ħafna. Wara ftit aħjar titilgħu u tilbsu xi ħaġa. Għax ix-xemx ma tridux teħduha f'daqqa."

"X'jiġifieri?" staqsa Paul.

"Jiġifieri, tistgħu tinħarqu peress li din hi l-ewwel ħarġa tagħkom ħdejn il-baħar. Ftehmna?".

"Kollox sew". Ċluff! Il-ħames kuġini niżlu jiġru jċafċfu b'kemm kellhom saħħa.

Kemm ħadu gost! Kemm qabżu u taw u għoddsu! Tliet siegħat sħaħ damu fl-ilma.

Imma mbagħad sar il-ħin biex jitilgħu.

"Ejjew nagħmlu logħba bil-ballun fuq ir-ramel", stedinhom David li kien iħobb dejjem jivvinta.

"Allright!" qallu Paul. "Jien u Joanna kontra tiegħek u Noel. Sheila toqgħod tħares".

Paul kien jilgħab tajjeb ħafna u ħadd ma seta' jlaħħaq miegħu. Fl-aħħar kien sar il-ħin biex jieqfu. Paul immira biex jagħti l-aħħar xutt.

"Ilqa Noel . . . ." Ġera għall-ballun u

"Ahh!! għajjat Paul muġugħ.

Ħares lejn siequ u ra d-demm! Flok il-ballun kien laqat qiegħ ta' flixkun moħbi fir-ramel. Kien ċarrat il-qiegħ ta' siequ.

Zijuh mar jiġri fuqu. Kuġinietu daru miegħu u anki xi nies li kien hemm fil-qrib offrew l-għajnuna. It-tfal beżgħu mill-ferita li kellu f'siequ. Wiċċ Paul sar lewn il-qarsa tax-xema.

"Mhux biex nindaħal, iżda dak it-tifel għandu bżonn il-punti. Aħjar tieħduh l-isptar" qal wieħed li kien ġie jara x'ġara.

Fl-isptar għamlulu sitt punti u laqqmuh kontra t-tetnu. Povru Paul. Kien ilu tant biex jiġi Malta. Daqshekk baħar! Issa lanqas żarbun ma seta' jilbes.

U addio l-marċ tal-festa. Miskin!

Lanqas qatt ma kienu bassru li l-vaganza li tant kienu ilhom jippreparaw għaliha kellhom jgħadduha hekk.

Għalkemm għamlu kemm setgħu biex iderru, kienu tilfu l-gost kollu u kważi kellhom seba' mitt sena biex jerġgħu lura lejn darhom fl-Ingilterra.

U dan kollu minħabba xi ħadd bla qalb u bla ras li kien kisser flixkun u flok tefgħu fil-laned li hemm apposta, ħallieħ moħbi taħt ir-ramel!




# IBŻA' GĦALL-ILMA





QATT THALLI VIT IQATTAR

FEJN TISTA' UŻA DEJJEM L-ILMA TAL-BIR

B'DOĊĊA TAĦLI INQAS ILMA MILLI TIMLA BANJU SHIĦ



TUŻAX IL-'FLUSHING' AKTAR MILLI MEĦTIEĠ

ŻOMM IL-BJAR NODFA BIEX L-ILMA JKUN NADIF



IRRAPORTA MILL-EWWEL ĦSARAT FIL-KANEN TA' L-ILMA

QATT ISSAQQI SIĠAR BL-ILMA TAL-VIT



META TAĦSEL KAROZZA UŻA L-BARMIL MHUX 'PIPE' MAL-VIT

TAĦSILX IDEJK TAĦT VIT MIFTUĦ



TISTA' TUŻA BARMIL ILMA TAL-ĦASIL FLOK 'FLUSHINGS'

NAQQAS L-AMMONT TA' ILMA FIL-'FLUSHING'

L-ILMA TAL-BIR AĦJAR MINN TAL-VIT GĦAT-TISQIJA U L-ĦASIL



ŻOMM IL-PRESSA BAXXA KEMM TISTA'

## TAĦLIX



**USE THE BEST**
Choose **QUALITY**
and
**PRICE**
Take **CMP**
from all leading Ironmongery stores




**CMP LTD**
MILL STREET, QORMI
TEL 43052
Head Office: TEL. 624874

# JUM IL-HELSIEN




**FILM SUPER 8 SOUND BIL-KULUR**
**TIFKIRA TAĊ-ĊELEBRAZZJONIJIET**
**TAL-31 TA' MARZU, 1979**
**F'ŻEWĠ PARTIJIET**
**KUMMENTARJU BIL-MALTI**
*Produzzjoni:* **DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI**
**JINGHATA SOUVENIR BOOKLET B'XEJN MA' KULL FILM**

# CARMELO FARRUGIA MELFAR LTD.

SPECIALIST CONTRACTORS IN
ELECTRICAL, PLUMBING AND MECHANICAL ENGINEERING
CENTRAL HEATING, GAS, SWIMMING POOLS AND LIFT INSTALLATIONS
IMPORTERS - WHOLESALERS AND GENERAL COMMISSION AGENTS

**Exclusive Representatives for:**

**OTIS** LIFTS AND ESCALATORS
**SADIA** WATER HEATERS
**TENBY** ELECTRICAL ACCESSORIES
**FAP-FIBO** CONDUIT FITTINGS
**PIRELLI** DOMESTIC AND INDUSTRIAL CABLES
**DORMAN SMITH** SWITCHGEAR, FUSES, CONTROL GEAR AND TRAFFIC LAMPS

Established 1930 — Telegrams: Raflem — Malta — Telex: 456 Raflem MW

Offices: 10, PIETRO FLORIANI STREET, FLORIANA. Tel. 623969, 23858
Sales: 92, MANWEL DIMECH STREET, SLIEMA. Tel. 31421

# L-INDUSTRIJA ĠERMANIŻA F'MALTA

**Matul dan l-aħħar sitt snin, il-Ġermanja saret l-aktar pajjiż importanti għal Malta f'dak li jirrigwardja investimenti ġodda u esportazzjoni.**



'Frames' tan-nuċċalijiet.

Kmieni fl-1970, ir-rabtiet industrijali u kummerċjali bejn Malta u l-Ġermanja kienu ftit li xejn. Sa l-1973 kien għad hawn biss 4 ditti Ġermaniżi, li dawn flimkien kienu jħaddmu ftit mijiet ta' nies.

**Għall-aħħar ta' l-1973, bliskop li jsaħħu r-rabtiet ekonomiċi tagħhom, Malta u l-Ġermanja ftehmu li jintroduċu Proġett ta' Għajnuna Teknika Ġermaniża, mmexxija minn Dr V. W. Brandt, permezz tal-Korporazzjoni Maltija ta' l-Iżvilupp.**

L-iskop ta' dan il-Proġett kellu żewġ għanijiet: l-ewwel kien li jħajjar ditti Ġermaniżi jiġu jinvestu hawn Malta u t-tieni kien li jżid l-esportazzjoni lejn il-Ġermanja. Dawn l-għanijiet llum rnexxew b'suċċess kbir.

Bħalissa f'Malta hawn 40 ditta Ġermaniża li flimkien jimpjegaw 4,600 persuna u li kull ma jmur qegħdin dejjem jespandu.

Wieħed jista' jgħid li dan is-suċċess kollu huwa riżultat ta' nuqqas ta' inkwiet industrijali kif ukoll tal-qagħda soċjali, ekonomika, u politika f'Malta, il-pożizzjoni ġeografika tal-gżira, u għax-xogħol bla serħan tal-Korporazzjoni ta' l-Iżvilupp.

## ESPANSJONI U INVESTIMENTI ĠODDA

L-investiment Ġermaniż f'Malta jiġi b'żewġ manjieri: espansjoni ta' ditti ġa stabbiliti u proġetti ġodda.

L-espansjonijiet, jiġifieri t-tkabbir ta' ditti jew fabbriki, rari wieħed jaqra fuqhom fil-gazzetti. Iżda kullħadd jifhem x'importanza għandhom dawn l-espansjonijiet, għaliex huma investiment ġdid li juri suċċess u fiduċja fil-ġejjieni.

Minbarra dan dawn l-espansjonijiet iservu ta' reklam qawwi u dirett lil investituri prospettivi oħra Ġermaniżi biex dawn ukoll



Produzzjoni taż-żraben.

**L-esportazzjoni minn Malta lejn il-Ġermanja żdiedet tant li issa tlaħħaq bejn wieħed u ieħor għal terz ta' l-esportazzjoni kollha Maltija.**

jiġu u jiftħu intrapriżi ġodda fil-gżejjer Maltin.

Taħdidiet ma' industrijalisti Ġermaniżi f'Malta dejjem urew biċ-ċar l-interess kontinwu tagħhom fil-gżira bħala bażi soda ta' investimenti ġodda, u huwa mistenni li ħafna minn dawn it-taħdidiet din is-sena sejrin iwasslu għal proġetti konkreti f'forma ta' espansjoni ta' ditti eżistenti, joint-ventures (proġetti bi sħab) u oħrajn ġodda għal kollox.

## L-ESPORTAZZJONI

Iż-żieda kbira fl-esportazzjoni domestika Maltija lejn is-swieq Ġermaniżi (minn £M897,316 fl-1970 għal £M50,851,227 fl-1979) ma kienitx dovuta kompletament biss mill-produzzjoni tal-proġetti Ġermaniżi f'Malta. Din iż-żieda fl-esportazzjoni lejn il-Ġermanja kienet ukoll: (1) riżultat ta' ħidma bla waqfien min-naħa ta' ditti purament Maltin li rnexxielhom ikabbru l-esportazzjoni tagħhom, u (2) riżultat ta' ħidma sabiex xerrejja Ġermaniżi jkollhom faċilitajiet permanenti biex jiġu u jaraw il-prodott Malti fil-fabbriki Maltin.

L-esportazzjoni lejn il-Ġermanja ma kienetx daqstant affetwata mill-problemi li nqalgħu dan l-aħħar bejn Malta u x'uħud mill-membri tas-Suq Komuni, għar-raġuni li l-Ġermanja kienet ħadet xejra li tadotta linja liberali ħafna fl-interpretazzjoni tar-regolamenti tas-Suq Komuni f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-esportazzjoni tat-tessuti lejn is-suq Ġermaniż.



U qliezet għall-esportazzjoni.

**Bil-għan biex jinħolqu iżjed swieq Ġermaniżi, grupp ta' industrijalisti Maltin, dan l-aħħar telqu lejn il-Ġermanja għal ġimgħa ta' promozzjoni għall-esportazzjoni Maltija. Il-Maltin kellhom l-opportunità li jiltaqgħu u jinnegozjaw ma' xerrejja individwali u assoċjazzjonijiet tagħhom, kif ukoll ma ħwienet kbar u ditti oħra.**

## PROSPETTI GĦALL-QUDDIEM

F'dak li jirrigwardja s-suq Ġermaniż, il-prospetti Maltin fl-investimenti u l-esportazzjoni għadhom jidhru tajbin. Din is-sena hemm ippjanati żewġ promozzjonijiet oħra għal investiment mill-Ġermanja, u għas-sena d-dieħla hemm il-ħsieb li ditti Maltin jerġgħu jieħdu sehem fil-Fiera ta' Hanover, fejn Malta kienet ipparteċipat għall-ewwel darba fl-1979 bi 12-il ditta li bejniethom kisbu 150 talba kummerċjali.

Illum il-ġurnata, 'l fuq minn 30 fil-mija ta' l-esportazzjoni kollha Maltija tmur lejn il-Ġermanja, is-suq l-aktar stabbli u importanti li kellha Malta f'dawn l-aħħar snin.

Make sure - insure your life with

Eagle Star

Eagle Star Insurance (Malta) Limited
4th Floor, Kingsway Palace, Republic Street,
Valletta, Malta. Tel: 626275/29128

GĦAN-NISA

# IS-SBUĦIJA

**Nisimgħu ħafna affarijiet dwar is-sbuħija. Min jgħidlek għamel hekk u min jgħidlek tagħmilx hekk!**

## IX-XAGĦAR

● Meta taqta' x-xagħar dan jikber aktar malajr?

*Din tidher li hija idea popolari ħafna, imma fil-fatt dan mhux minnhu. Ix-xagħar ta' fuq rasek huwa wara kollox diġà bla ħajja, allura il-qtugħ tax-xahar ma jistax ikollu influenza fuq il-basla tax-xahar taħt il-ġilda.*

● Meta tneħħi il-pil żejjed bil-'blade', dan jikber aktar oħxon u b'saħħtu minn qabel?

*Dan mhux veru għall-istess raġuni li għidna qabel. Li jiġri, huwa li l-pil li jerġa' jisponta jkollu il-ponot dritti u wieqfin, għalkuntrarju ta' meta kien fl-istat naturali, bil-ponot fini ħafna, għalhekk meta tmissu jinħass aħrax ħafna.*

● Għandek tixkupilja xagħrek ta' spiss kuljum biex iżżommu aktar b'saħħtu?

*Le, dan la hu neċessarju u lanqas tajjeb speċjalment jekk għandek xarek żejtni (għax aktar tinkoraġġixxi ż-żejt) jew jekk għandek xagħrek fin u delikat (għax tista' tagħmillu aktar ħsara, meta tixkupiljah iż-żejjed). Biżżejjed li kull fil-għaxija tixkupilja xagħrek ħafif, biex tneħħilu xi għoqod, xi trab u xi ftit 'hairspray' li jkun ġabar matul il-jum.*

## L-IKEL U L-ĦXUNA

● Il-ħxuna hija ħaġa li tintiret?

*Ma jidhirx li hemm predispożizzjoni ġenetika li t-tfal ta' ġenituri ħoxnin, ikunu ħoxnin huma wkoll. Li jiġri, u kultant tant huwa fiż-żgur, hu li t-tfal ta' ġenituri ħoxnin jikbru f'ambjent fejn ikel li jħaxxen huwa ikkunsmat*

Franco

We are the people who can give your feet a TOUCH OF CLASS.





Test for yourself by having a look at our Autumn Selections

Now on display at:

Franco Facchetti & Sons Footwear Ltd Middlemen Str., Marsa Tel. 620914

Franco Shoe Styling Centre 182, Strait Street, Valletta Tel. 22034

*kuljum, (wisq zokkor fid-dieta, wisq karboidrati, nuqqas ta' eżerċiżju) il-kaġun li l-ġenituri stess jinsabu fil-qagħda preżenti.*

● Iz-zokkor huwa fonti importtant ta' enerġija. Il-ġisem għandu bżonn taz-zokkor anki meta wieħed ikun qed jimxi fuq dieta stretta?

*Iz-zokkor huwa ħaġa li nistgħu neliminaw għal kollox.* ***Il-ġisem m'għandux assolutament bżonn ta' zokkor, l-anqas l-iċken kwantità biex iżomm b'saħħtu. Iz-zokkor li jinsab naturali fil-ħxejjex u frottijiet hu biżżejjed.***

● Jekk se toqgħod fuq dieta biex tirqaq, għandek taqta' il-ħobż għal kollox?

***Le, m'hemmx għalfejn dan jinqata għal kollox. Il-ħobż (u hawn qed insemmu ħobż tajjeb, speċjalment dak l-ismar 'wholemeal') huwa fonti kbira ta' ħadid li l-ġisem għandu bżonn. Il-ħobż ukoll jgħin il-ħidma regolari tal-intestini. Tista' tieħu żewġ 'slices' żgħar kuljum waqt id-dieta.***

## IL-KARNAĠĠJON

● Jekk ftit krema tal-wiċċ tagħmel tajjeb, jekk tuża aktar din se tagħmel aktar tajjeb?

*Il-ġilda tista' tixrob ċertu ammont biss. Għalxejn li tidlek wiċċek kollu krema qabel ma tmur torqod. Din se tinħela kollha, għax tibqa' fuq il-wiċċ tal-ġilda issod il-pori u forsi anki tista' tgħin il-formazzjoni tal-'blackheads'.*

● M'hemmx xejn aħjar minn banju sħun ħafna għall-ġilda biex iġiba sabiħa u nadifa?

*Sa ċertu pont, iva. Il-ġilda tiġi sabiħa u nadifa, imma tinxef ukoll (għalhekk titkemmex kolha waqt li tkun ġo l-ilma). Jiġri wkoll li jitfaċċaw il-vini irqaq. L-ilma tal-banju meta jkun fietel inaddaf l-istess u huwa ta' aktar benefiċċju għall-ġilda.*

● Il-'make-up' huwa ħażin għall-ġilda?

*Le, mhux veru, jekk jiġi applikat sew jiġifieri ġentilment u mhux billi tgħorku fil-ġilda u din iġġebbida 'l hawn u 'l hinn. Importanti huwa li l-'make-up' għandu jitneħħa regolarment kull filgħaxija u waqt li qed tagħmel dan, il-ġilda għandha tiġi ittrattata ġentilment ukoll.*

## L-INDAFA TAS-SNIEN

● Hija ideja tajba li tispiċċa l-ikla tiegħek b'tuffieħa ħalli tnaddaf snienek?

*It-tuffieħ huwa ħaġa tajba ħafna għal snienek, imma bħal kwalunkwe frott ieħor, it-tuffieħ, fih ċerta kwantità ta' zokkor, u dan meta joqgħod fuq is-snien jgħin biex jifforma l-'plaque', li hu ta' ħsara kbira għas-snin. Jekk ma tistax taħsel snienek wara li tkun kilt, aħjar li tixrob tazza ilma.*






# IL-MODA

● Kemm ir-rigi, kif ukoll l-abjad u l-iswed huma moda ferm għax-xhur li ġejjin. Rajna bosta dekorazzjonijiet bir-rigi fl-ilbies klassiku; u ta' min jinnota li għal matul il-jum id-dbielet reġgħu qsaru ġmielhom, kultant sa fuq l-irkoppa. Il-bolero, jew żakkettina qasira sal-qadd, reġgħet għamlet ritorn. Infatti fil-kollezzjonijiet tad-disinjaturi kbar tal-moda reġa' tfaċċa l-bolero abjad bil-pavri jew mingħajrhom. Dan jintlibes ġeneralment fuq id-dbielet dojoq. Barra li r-rigi ta' kull wisa dehru fuq ħafna mudelli, l-abjad u l-iswed f'kull disinn li wieħed jista' jimmaġina, huwa l-aktar prominenti fil-moda ta' din is-sena. L-abjad u blu, kuluri dejjem klassiċi, ħadu spinta partikolari f'dan l-istaġun.



*Għal okkażjoni importanti mill-kollezzjoni ta' Nina Ricci, libsa tal-ħarir irrigata iswed u rosa. Ta' min jinnota l-kmiem mhux tas-soltu.*



*Mill-kollezzjoni ta' Givenchy, libsa 'evening' għas-sajf, bolero abjad b'disinn ta' tulipani suwed fuq libsa bla ċingi sewda bit-tulipani bojod. Id-dublett dejjaq jinfetaħ ftit in-naħa ta' isfel.*



*Libsa ta' Christian Dior tal-malja ħafifa blu. Komma kimono qasira. Rigi bojod fuq il-but u taħt il-ġenbejn minn fejn id-dublett joħroġ kollu pjiegi.*


BEZZINA BB BROS

**BEZZINA BROS. LTD.**

TRUNK ROAD, MARSA Tel: 620892

Bankers: MID-MED BANK LTD. MARSA

*MANUFACTURERS OF:*

METAL OFFICE FURNITURE
TUBULAR WORK
AIR CONDITIONINGS
FLOURESCENT FITTINGS
STRUCTURAL STEELWORKS
KITCHEN UNITS
ENGINEERING WORKS IN GENERAL



# *Tuffieħ bl-Għaġina*



*Ingredjenti:* **(Għal 6 Persuni)**

6 tuffieħat
80 gr butir
125 gr zokkor
400 gr għaġina sfuljurata
bajda mħabbta
żejt
dqiq

*Metodu*:

Jekk tixtri l-għaġina lesta, tista' tuzaha mall-ewwel. Jekk tixtriha tal-friża, ħalliha barra mill-*fridge* ħalli tirtab sew.

Ħaffer it-tuffieħ min-nofs biex tneħħilhom iż-żerriegħa. Imbagħad neħħilhom il-qoxra. Ħawwad il-butir sew sakemm jirtab u ħallat miegħu z-zokkor. Imla il--ħofra tat-tuffieħ b'din it-taħlita u poġġi biċċa tuffieħa żgħira milli tkun neħħejt min-nofs. Iftaħ l-għaġina, aqta' biċċa kwadra u poġġi t-tuffieħa fin-nofs. Xarrab it-truf tal-għaġina bi ftit ilma biex tkun tista' twaħħalhom ma' xulxin.

Lesti t-tuffieħ l-ieħor f'dan il-mod. Aqta' roti ta' l-għaġina żgħar u poġġi fuq il-wiċċ. Jekk trid fin-nofs ta' dan tista' tpoġġi musmar tal-qronfol. Issa idlek l-għaġina kollha bil-bajda mħabbta. Poġġi t-tuffieħ fuq pjanċa midluka biż-żejt u mfarfra bid-dqiq. Aħmi ġo forn li jkun diġà sħun moderat għal 30-35 minuta. Biex tara sarux taqqab it-tuffieħ bil-ponta tas-sikkina u din trid tidħol fih faċilment. Jekk trid għal din ir-riċetta tista' tuża frott ieħor bħall-lanġas.






# Siemens Refrigerators and Freezers

*MADE IN WEST GERMANY*

**WITH THE TRADE FAIR COMING UP**
**OUR PRICES HAVE GONE DOWN....**
*SPECIAL TRADE FAIR DISCOUNT*
**PLUS A FREE TROLLEY** with

This offer is valid up to July 31, 1980













## APLAN LIMITED

*Offices:* First Floor, 33, Msida Seafront, Msida Tel: 38434/36556

*Showrooms:* 34, Msida Seafront, Msida. Tel: 38434
Testaferrata St. Msida. Tel: 36556
73, St. Paul Street, Cospicua. Tel: 824535

**TRADE FAIR STANDS**
**E 41/E 29**




## HIDMA BEJN GVERN U IMPORTATURI

(ikompli minn paġna 13)

maħżen. Fl-aħħar mill-aħħar kien ibati l-konsumatur.

Bis-sistema l-ġdida tal-Bulk Buying, il-maġġoranza tal-prodotti li qed jimporta l-Gvern bħal siment, luncheon meat, frott, kafe, te u perżut — *irnexxielu iżommilhom prezz stabbli għal livell li kien is-sena l-oħra* u llum kulħadd jaf kemm hu diffiċli li żżomm prezz stabbli meta għolew mhux biss il-prezzijiet minn barra tal-prodott tal-landa, tat-trasport eċċ., iżda wkoll l-ispejjeż lokali bħal ġarr, assikurazzjoni, magażinaġġ u affarijiet oħra.

*Iżda minkejja dan kollu, f'xi każi, l-Gvern qed jirnexxilu jġib prezzijiet orħos milli rnexxielhom iġibu n-negozjanti stess s-sena ta' qabel.*

### EBDA PROFITT MILL-GVERN

Hawn ta' min ifakkar li b'din is-sistema tal-*Bulk Buying,* il-Gvern mhux biss m'hu qed jagħmel ebda qliegħ għalih, imma qed juża n-nies tiegħu, l-faċilitajiet tiegħu, l-kuntatti tiegħu flimkien mal-mezzi kollha tal-komunikazzjoni li għandu għall-benefiċċju ta' din is-sistema mingħajr m'hu qed jiċċarġja xejn bħala spejjes, u għalhekk dan kollu qed imur għall-benefiċċju tal-konsumatur.

*Kif diġà għidna l-Gvern, fuq l-oġġetti essenzjali li qed jimporta qed jirnexxilu jżomm il-prezz fiss għal żmien relattivament twil.* U meta, bejn id-dħul u l-ħruġ ta' xi kunsinna li tinxtara ikun hemm bilanċ favorevoli, flok li bħal qabel kien jieħdu kollu l-importatur issa l-Gvern qed jitfgħu f'fondi li jissejjaħ *Stabilisation Fund* li jservi biex jagħmel tajjeb għal meta ikun hemm xi żbilanċ u b'hekk l-Gvern ikun jista' jżomm l-istess prezz għall-konsumatur.

### PREZZ STABBLI

Jiġifieri, l-Gvern wara li minn kull kunsinna jkunu tħallsu l-ispejjes u jkun ingħata l-qliegħ ġust lin-negozjant, jekk jibqa' xi differenza jitfagħha fil-fond li semmejna. B'hekk meta l-oġġett ikun inxtara rħis, *idaħħal* fil-fond, u meta l-prezzijiet minn barra jogħlew *joħroġ* mill-fond. *U dan biex il-prezz ta' l-oġġett ikun jista' jinżamm fiss għall-itwal żmien possibbli.*

U hawn ta' min jgħid li l-prezz tal-laħam tal-friża, majjal u ċanga ilu iffissat fuq is-suq għal madwar sena, minkejja li l-prezz minn barra ma kien stabbli xejn. Kien hemm żmien li dan il-laħam kien jiġi lill-Gvern ferm ogħla milli kien qed ibiegħu lill-konsumatur. U għalhekk kellu jidħol l-*Istabilisation Fund.*

U meta l-prezz jinżamm fiss għal tul ta' żmien jagħti ċerta stabbilità lis-sistema għaliex malli l-poplu jidraha, jispiċċa l-abbuż li wieħed jaħżen u jaħbi l-affarijiet minħabba li l-prezz ikun qed jogħla mill-lum għal għada; fatt li jista' jagħti lok fejn in-negozjant jista' japprofitta ruħu minn dan.

Id-Dipartiment tal-Kummerċ, f'isem il-Gvern qed jagħmel dan kollu għal ġid ta' kulħadd: negozjant u poplu, biex f'Malta ikollna dejjem dawk l-oġġetti essenzjali ta' kwalità mill-aqwa u fl-aħjar kondizzjonijiet li wieħed jista' jikseb.

## IĊ-ĊITTADELLA

(Ikompli minn paġna 6)

flimkien mal-Ġurati, kien jifforma l-Gvern legali tal-Gżira. Fost il-ħerba li ssaltan kullimkien, l-għajn tistrieħ meta taqa' fuq dan il-bini regulari u simmetriku. Il-Palazz tal-Qorti huwa wieħed mill-ftit bini li għandna fil-Gżejjer Maltin li għadu jservi l-iskop li għalih bnewh il-Kavallieri.

Ġewwa l-Palazz tal-Qorti, u sewwa sew fis-sala tal-każijiet kriminali, jidher 'friż' bl-armi tal-Gvernaturi t'Għawdex; pittura storikament prezzjuża, iżda magħdura mħabba ż-żmien. F'dan il-bini, in-naħa ta' l-Arloġġ il-Qadim, għadu jeżisti wkoll il-ħabs ta' l-Ordni li hu magħmul minn ċellel żgħar jixbħu ħafna lil dawk li hemm Venezja fil-Palazz tad-Dogi. Dawn, teknikament, jissejħu *guve dell'Ordine*. Iżda hemm min jgħid illi dawn m'humiex il-veri *guve* ta' l-Ordni fejn La Vallette, f'żgħożitu, kellu jqatta wkoll xi żmien. Dawn għad iridu jinkixfu billi jinsabu mirduma x'imkien.

Ftit bogħod mill-ħabs ta' l-Ordni, dejjem fl-istess pjazzetta, jintrefa', sabiħ u maestuż, l-Arloġġ il-Qadim mibni fis-sena 1739. Fuq dan l-arloġġ kien hemm minquxa xi armi ta' l-Ordni li, flimkien ma' dawk li jidhru fuq il-faċċata tal-Qorti ġew imkissra, skond it-tradizzjoni, mill-Franċiżi kemm damu assedjati fiċ-Cittadella. Wieħed jilmaħ ukoll il-kappella ta' Santa Barbara, li kienet tagħmel ma' l-Isptar, mibnija fis-sena 1734 u d-dar antika bi stil rinaxximentali llum użata bħala Mużew Nazzjonali. Qalb it-triqat dojoq ta' din il-belt jidher ukoll l-ark ippuntat b'arkitettura rari siculo-normanna.

Iżda l-akbar monument li jimpressjona tabilħaqq lil kulħadd fiċ-Cittadella huwa żgur it-Tempju ta' l-Assunta li tlesta mill-bini fis-sena 1711 fuq disinn ta' Lorenzo Gafà. Tolqtok l-armonija arkitettonika li fiha din il-Knisja minn ġewwa. Hawnhekk insibu ukoll iż-żewġ Fontijiet tal-Magħmudija wieħed veru u l-ieħor fint, magħmulin fis-sena 1742 mill-alabastru Għawdxi, misjub fuq l-Għolja taż-Żebbuġ fis-sena 1738.

Bċejjeċ sbieħ rari ta' malakita ħadra fuq l-artal maġġur kif ukoll il-koppla finta ta' Antonino Manuele impittra fis-sena 1739, tassew jiġbdu l-ammirazzjoni tan-numru kbir ta' turisti li ta' kuljum iżuru ċ-Ċittadella.

**Iċ-Ċittadella t'Għawdex bis-silenzju, bit-tiġrif u l-paċi tagħha hija monument prezzjuż tal-ħajja Maltija u Għawdxija ta' l-imgħoddi, ambjent ta' studju, meditazzjoni u riflessjoni għal kulħadd. Huwa ttamat li r-restawr li se jwettaq il-Gvern Malti bil-koperazzjoni ta' l-UNESCO ikompli jsebbaħ mhux ftit u jgħolli aktar il-preġju ta' dan il-monument tassew storiku fil-gżira ta' Għawdex.**



FITWELL

Fitwell produce modern and antique style furniture of the highest quality, as well as soft furniture.
A selection of designs can be viewed at the Fitwell Showrooms, but orders to clients' specifications are also accepted.

Showroom:
219 Constitution Street, Mosta.
Factory and Showroom:
Trunk Road, Marsa.
Tel: 603641








A practical ever-ready case is available for all models. Choose the complete gift outfit containing camera, Agfacolor CNS 126 film and multiflash unit for 8 flashes. An X flash cube is supplied with the 55 C model.

### That is Agfa-Gevaert

A European group, Agfa-Gevaert started in 1964, originating from the linkup between the German company Agfa AG, Leverkusen and the Belgian firm Gevaert Photo-Producten N.V., Mortsel (Antwerp.). The three main works are in Leverkusen, Munich (Germany) and Mortsel (Belgium). There is a total of 23 production centres in Belgium, Germany, France, Portugal, Spain, Argentina, India and the U.S.A. Agfa-Gevaert products are marketed in 145 countries.

### Activities

General photography: Amateur cameras, flash equipment, cine cameras, cine and still projectors, films, papers, chemicals, laboratory and photo-finishing equipment.
Technical photography: Document photography, medical radiography, industrial radiography, graphic processes, industrial reprography, office-copying and microfilm systems, motion picture and television films.
Magnetic tapes: Compact cassettes, reel-to-reel tapes, video tapes.

Agfa

# IL-PERIKOLI TAS-SAJF



Il-perikoli ta' l-inġenji tal-baħar qrib l-għawwiema.

**Fid-Dar**

L-istaġun tas-sajf hawn Malta jġib ħafna bidliet fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Ħafna mill-kambjamenti huma pjaċevoli — vaganzi, għawm, safar eċċ — iżda s-sajf jista' jeffettwana ħażin u jista' wkoll iġib miegħu ħafna perikoli.

Fuq is-suġġett ta' l-ikel m'għandniex ninsew li fit-temperatura għolja tas-sajf l-ikel imur u jeħżien ħafna aktar malajr milli fix-xitwa. Għalhekk jekk ma jkollniex post fejn wieħed jista' jerfa' l-ikel bla periklu (preferibbilment fil-'fridge') m'għandniex nixtru kwantitajiet kbar ta' ikel li jmur. Fuq kollox il-mara tad-dar għandha tikkonvinċi ruħha li aħjar tarmi oġġett milli tipperikola s-saħħa tal-familja tagħha.

**Barra mid-Dar**

Meta nieklu fil-beraħ barra mid-dar ukoll għandna noqgħodu attenti. Jekk inkunu se nixtru xi ħaġa ta' l-ikel minn għand dawk il-bejjiegħa li ssib fit-toroq noqogħdu attenti li nagħżlu oġġetti li jkunu mgħottija u ħielsa mill-periklu ta' l-insetti u t-trabijiet.



L-affarijiet ta' l-ikel mgħottija u ħielsa mill-insetti u t-trabijiet

Fit-toroq hemm ħafna trabijiet u foga ta' dħaħen tal-karozzi u dawk il-bejjiegħa ta' oġġetti ta' l-ikel li m'għandhomx protezzjoni tajba ma tantx jistgħu joffru ikel iġjeniku.

**Lanqas ma għandna nieklu frott u ħaxix li ma jkunux maħsula sew. Fl-istaġun tas-sajf hemm ħafna frott li tista' tieklu bil-qoxra u ħafna ħaxix li tista' tieklu nej. Għalhekk din hi r-regola li qatt ma għandna ninsew — dak li jittiekel nej għandu jkun maħsul sew.**

Aħna l-Maltin, inħobbuh il-baħar ta' madwarna u niddilettaw ukoll bil-frott tal-baħar. Pero' meta tiġinha l-okkażjoni li nieklu l-frott tal-baħar, u speċjalment jekk inkunu fuq ix-xatt, għandna niftakru li l-frott tal-baħar jista' jkun infettat u għalhekk mhux għalkemm wieħed jaqbad u jiekol bl-addoċċ frott tal-baħar bħal ma huma mħar, rizzi eċċ.

Imbagħad meta mmorru nagħmlu "picnic" f'xatt il-baħar qatt ma għandna nħallu warajna fdalijiet ta' ikel jew karti maħmuġin jiġru 'l hemm u 'l hawn. Fejn ikun hemm "dustbin" nużawh anki jekk ikollna nimxu erba' passi żejda. Speċjalment qatt ma għandna nħallu laned miftuħin, jew fliexken miksurin. Għandna dejjem inħarsu s-saħħa tagħna u ta' ħaddieħor. *Ħalli dejjem il-post kif tixtieq issibu int.*

**Fil-Baħar**

L-akbar periklu ċertament li jiġi mill-inġenji tal-baħar li ta' spiss jiġġerrew madwar il-kosta. Il-periklu minn dawn l-inġenji jikber meta dawn jersqu lejn ix-xatt u joqorbu lejn l-għawwiema.

**Ir-regolamenti jgħidu li ħadd ma jista' jsuq inġenji tal-baħar bi speed qawwi meta jkun inqas minn mitt metru bogħod mix-xatt. Meta wieħed ikollu ta' bilfors joqrob lejn xi għawwiema dan għandu jagħmlu b'mod prudenti billi jsuq bil-mod kemm jista' jkun u dejjem attent fejn ikun sejjer biex żgur ma jolqot lil ħadd. B'dan il-mod jiġu evitati dawk l-inċidenti koroh li xi drabi jistgħu anke jwasslu għal telfien tal-ħajja.**

L-għawwiema li joħorġu 'l barra ħafna, speċjalment l-għaddasa, ukoll għandhom josservaw ċerti regoli biex jiġu evitati d-diżgrazzji. Min jgħum 'l barra għandu jilbes f'rasu beritta bajda jew ta' kulur li jidher mill-bogħod. Barra minn hekk dawk li jinżlu taħt wiċċ l-ilma għandhom iġorru magħhom xi għamla ta' baga bil-bandiera fuqha. Dan huwa sinjal internazzjonali li jindika li hemm xi ħadd qed jogħdos u dan jista' jitla' fil-wicc minn ħin għall-ieħor.

Bi ftit tal-prudenza u osservanza tar-regolamenti żgur li jiġu evitati id-disgrazzji mix-xtut tagħna.

# *DREAMPAEDIC*
*HEALTH MATTRESS*



# *DREAMLAND*
*FOLDING CHAIR*







# *DREAMLAND*
*GARDEN FURNITURE*

# *DREAMLAND*
*UPHOLSTERY*

GUARANTEED

# DREAMLAND
**BEDDING CO. LTD.**

**FACTORY:-**
**ST. LAWRENCE STREET,**
**B'KARA, MALTA.**
**TEL: 40345**

**SHOWROOM:-**
**397, FLEUR DE LYS RD.,**
**B'KARA, MALTA**
**TEL: 40345**

# Użu tajjeb mis-servizzi tal-Mid-Med Bank jagħmel il-ħajja iżjed faċli

Meta tagħraf tuża tajjeb is-servizzi li joffrilek il-Mid-Med Bank il-ħajja ssir iżjed faċli.

Meta tiftaħ kont kurrenti li perm[illegible] tista' tħallas biċ-ċekk, issib li qed isserraħ rasek li flusek jinsabu fis-sod, filwaqt li tevita ħafna ġiri u taħbit.

Issib ukoll li mhux diffiċli li tagħmel arranġamenti biex tissellef flus għal ħtiġijiet li jistgħu jinqalgħu.

Bħalma hemm ħafna servizzi utli għal kulmin għandu jew qed jippjana li jkollu xi negozju.

Fuq kollox, il-Managers tal-Mid-Med Bank huma mħarrġin biex jgħinuk b'pariri li tkun tinħtieġ.

**Mid-Med Bank**
**Uffiċċju Prinċipali: 233 Triq ir-Repubblika, Valletta.**
**Tel: 625281. 38 Fergħa f'Malta u Għawdex.**

Mid-Med Bank
*il-bank tiegħek*

Stamperija tal-Gvern